# XENI MIŻ-ŻMIEN TA' L-IMGĦODDI

Storja

minn ***Mario Fenech***

Għandi dawn ir-ritratti fil-kollezzjoni tiegħi li juruna tliet epoki differenti li għalkemm fihom seħħ tibdill konsiderevoli, xorta waħda l-għolja tal-Katidral tibqa' prominenti fix-xena.

Nibda b'din l-impressjoni artistika li teħodna lura sew fis-snin. L-artist hawnhek mar lejn in-naħa ta' fejn il-lum hemm il-Kappella ta' Santa Martha.

Nistgħu ninnutaw li s-swar taċ-Ċittadella kienu diġà jidhru sew fuq l-għolja bil-bini tal-Katidral 'il fuq minnhom. Kien hemm diġà konċentrazzjoni ta' bini ieħor 'il fuq fejn il-lum hemm Pjazza Indipendenza bil-Bażilka ta' San Ġorġ u l-inħawi ta' Triq Mons Pietru Pace wara l-knisja ta' San Franġisk. Il-kumplament tax-xena kollu raba' li minnha kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom in-nies ta' l-inħawi.

Fit-tieni ritratt naraw xena f'ritratt meħud aktar mill-viċin tax-xena li rajna qabel. Fiċ-Ċittadella ftit li xejn hemm tibdil minn dak li naraw il-lum. Tidher sew it-triq li tgħaddi minn barra madwar is-swar. Il-bini huwa dak li kien jidher min-naħa ta' wara tad-djar li jiffurmaw dik li l-lum tissejjaħ triq ir-Repubblika jew aħjar triq it-Tiġrija. Djar kbar u eleganti li kienu jgħammru fihom l-aħjar familji tal-Belt Victoria.

Ninnutaw ukoll fil-bogħod bejn tarf is-swar u l-għolja, it-truf tal-kampnari tal-knisja tar-raħal taż-Żebbuġ li bħall-Katidral hija taħt il-ħarsien ta' l-Assunta.

Fit-tielet ritratt naraw iċ-Ċittadella din id-darba mit-triq li twasslek lejn il-bajja ta' Marsalforn. Għajr għall-knisja tal-Madonna tal-Grazzja, il-lum Santwarju, u l-Kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini bini xejn! Raba maħdum maqsum bil-ħitan tas-sejjiegħ u l-pal tal-bajtar tax-xewk.

Jiddomina' 'l fuq minn din ix-xena l-ħajt għoli tan-naħa ta' wara tas-Sur li jdawwar liċ-Ċittadella.



Il-kampnar tal-Katidral bħal donnu qiegħed jimmarka din il-parti tal-gżira Għawdxija li matul dawn il-jiem tax-xahar t'Awissu tkun liebsa l-ilbies tal-festa kif xieraq għal jum l-Assunta.



Tliet xeni li jagħtuna ħjiel siewi ta' kemm ġiet żviluppata din il-parti tal-gżira. Ħjiel ta' ħajja trankwilla, ferm 'il bogħod mill-ħsejjes li bħal dan iż-żmien jiddominaw it-toroq tal-Belt, kemm b'dak kollu li ġġib magħha l-festa ta' Santa Marija, kif ukoll b'dawk il-ħafna li jiġu Għawdex iqattgħu ftit tal-jiem ta' serħan mill-ħajja regolari tagħhom.

***Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.***

